# Tislima lill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca



Fl-għodwa tal-21 ta' Marzu ta' din is-sena, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca li serva bħala Arċisqof ta' Malta għal 30 sena, mar jiltaqa' mal-Ħallieq. B'ringrazzjament lil Alla għall-ħidma ta' dan l-Arċisqof tant maħbub se nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-ħajja tiegħu.

L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca twieled fil-11 ta' Novembru 1928 mill-familja mlaqqma "Tal-Mewta" fir-Rabat, Għawdex. Ġużeppi wera mill-ewwel li kien tajjeb fl-istudju u studja fis-Seminarju ta' Għawdex u wara fil-Collegia Capranica f'Ruma. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952 fil-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex. Kiseb ukoll il-lawrja ta' avukat. Bejn l-1959 u l-1969 huwa kien Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex fejn mbagħad ġie nominat imħallef tas-Sacra Romana Rota; kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

Fis-27 ta' Lulju 1974, Dun Ġużeppi Mercieca ssejjaħ lura Malta u ġie nominat Isqof Awżiljarju ta' Malta u ordnat isqof titulari ta' Gemelle fin-Numidja fid-29 ta' Settembru tal-istess sena. Il-konsagrazzjoni saret mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, Mons. Nikol Cauchi u Mons. Francesco Ricceri.

Għamel sentejn Vigarju Ġenerali sakemm ġie nnominat Arċisqof ta' Malta fid-29 ta' Novembru 1976. Ħa l-pussess ta' Arċisqof fit-12 ta' Diċembru 1976, u għażel bħala motto tiegħu "Ilkoll aħwa fi Kristu", li kienet il-missjoni li fdalu l-Papa, jiġifieri li jgħaqqad lill-poplu Malti wara s-snin koroh tal-ġlieda politiko-reliġjuża tas-snin sittin.

L-Arċisqof Mercieca daħħal riformi fl-amministrazzjoni tal-Kurja fosthom li l-qassisin jibdew jitħallsu flok ma jiddependu mill-elemożina tal-quddies.

Huwa kien nominat konsultur tas-Sacra Romana Rota fl-1992 u aktar tard imħallef fis-Segnatura Apostolica.

Fl-1992 fetaħ l-istazzjoni tar-radju tal-Knisja RTK wara ħidma kbira.

Fil-11 ta' Novembru 2003, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca offra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ir-riżenja tiegħu minn Arċisqof ta' Malta, skond kif titlob il-liġi tal-Knisja dwar l-Isqfijiet Djoċesani li jilħqu l-età ta' 75 sena. Fit-2 ta' Diċembru 2006, spiċċa minn Arċisqof wara li Papa Benedittu VI ħatar lil Mons. Pawlu Cremona bħala Arċisqof.

Fl-20 ta' Marzu 2016, ġie rrappurtat li kien qed jinsab f'qagħda kritika. L-Arċisqof Mercieca miet l-għada fil-21 ta' Marzu 2016, fiż-Żejtun għall-ħabta tas-7.20am, fl-età ta' 87 sena.

Il-funeral sar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016, fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u ndifen fil-Katidral ta' San Pawl, l-Imdina.